MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1815/1997/1

**Emanuela Cefai armla tal-mejjet Harry Cefai, Sylvan u Noel Cefai, eredi ta' l-imsemmi Harry Cefai**

**Vs**

**Angelo Xuereb (Construction) Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-7 ta' Awissu 1997 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi x-xoghol ta' l-awtur ta' l-atturi kien dak ta' sensal ghall-bejgh u xiri ta' proprjeta` immobiljarja;

Premess illi l-awtur ta’ l-atturi ta s-servizzi tieghu lis-socjeta` konvenuta in konnessjoni mat-traferiment tal-Capua Court Hotel u l-istess socjeta` konvenuta obbligat ruhha li thallas lill-awtur ta’ l-atturi s-somma ta’ Lm5600, skond ma jirrizulta mill-ftehim tat-8 ta’ Novembru 1994, li kopja tieghu giet esebita ma’ l-att tac-citazzjoni u markata bhala Dokument “A”, mil-liema somma s-socjeta` konvenuta hallset lill-awtur ta’ l-atturi s-somma ta’ Lm3000 u kienet ghad baqalha thallsu s-somma ta’ Lm2600 li huma ftehmu li sejrin jithallsu bil-mod spjegat fl-istess ftehim;

U premess illi attwalment l-awtur ta’ l-atturi kien ghadu baqa’ ma thallasx l-ammont bilancjali dovut meta gie nieqes fl-14 ta’ Awissu 1995 u ghalhekk l-atturi ssuccedewh ghall-kreditu kontra s-socjeta` konvenuta billi dan miet *ad intestato*;

U premess illi kull tentattiv ghall-arrangament bonarju ghall-hlas ta’ l-ammont dovut, baqa’ minghajr ezitu favorevoli;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-atturi ghandhom dritt li jircievu minghand is-socjeta` konvenuta l-ammont ta’ Lm2600 bl-imghax kalkolabbli mid-9 ta’ Novembru 1996 sal-gurnata ta’ l-effettiv pagament;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma hekk dikjarata ta’ Lm2600 u l-imghax imsemmi rapprezentanti il-bilanc ta’ senserija kif fuq spjegat – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult ammontanti ghall-Lm15 u ta’ l-ittra legali kif ukoll tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment mal-prezenti kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess atturi, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta pprezentata fil-21 ta’ Mejju 1998 li permezz taghha hija eccepiet:

1. Illi preliminarjament tenhtieg korrezzjoni fl-isem ghaliex is-socjeta` Angelo Xuereb Limited bidlet isimha ghal AX Holdings Limited;

2. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati ghaliex il-mejjet Harry Cefai kien assenja u ceda dan id-dritt bi tpacija bil-*prestressed concrete slabs* lil terzi; illi ma jidhirx li hemm xi bilanc dovut lill-istess Cefai fil-kotba ta’ l-*accounts*;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet tas-26 ta’ Mejju 1998 li permezz tieghu l-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens illi l-isem tas-socjeta` konvenuta tizdiedlu l-kelma “(Construction)” qabel il-kelma “Limited”;

Rat illi wara l-imsemmi digriet tas-26 ta’ Mejju 1998 is-socjeta` konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha;

Rat id-digriet tad-9 ta’ Gunju 1999 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat l-affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijietipprezentati mill-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Il-fatti principali tal-kawza kif johorgu mill-provi jirrikonoxxu fl-ewwel lok illi n-negozju guridiku ta' bejgh ta' Capua Court Hotel li fih kienet ko-involta l-allura socjeta` Angelo Xuereb Limited gie koronat bl-intervent tal-mejjet Harry Cefai, awtur ta' l-atturi odjerni, li kien sensal f'dan l-istess negozju. Effettivament it-tahbit tieghu nghata gharfien bl-iskrittura tat-8 ta' Novembru 1994 li fiha s-socjeta` msemmija rrikonoxxiet, bhala rikompensa tax-xoghol li ghamel, li thallsu s-somma ta' hamest elef u sitt mitt lira (Lm5600). Il-kwestjoni hawn involuta tirrigwarda l-bilanc minn din is-somma ta' elfejn u sitt mitt lira (Lm2600);

Fl-Affidavit tieghu (fol. 15) l-attur Sylvan Cefai, wara li jghid li missieru miet fl-14 ta' Awissu 1995, issokta jikkonferma illi sa dakinhar id-defunt missieru ma kienx ezercita l-ozzjoni traskritta fil-precitata skrittura illi l-bilanc imsemmi jigi pacut permezz ta' akkwist minnu ta' "*prestressed concrete slabs*". Kompla jiddikjara, imbaghad, illi oltrepassati s-sentejn prefissi fl-iskrittura huwa avvicina lil Angelo Xuereb, rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, biex dan ihallas ir-rimanenti bilanc kif pattwit. Huwa jghid li dan offrielu biss is-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1500) ghas-saldu pero` ma ntlahaqx qbil;

Minn naha taghha s-socjeta` konvenuta tittrincera ruhha wara l-eccezzjoni illi l-ammont reklamat ma kienx dovut ghaliex il-mejjet Harry Cefai kien assenja u ceda lil terzi dan id-dritt bi tpacija bil-*prestressed concrete slabs*;

In sostenn ta’ din l-eccezzjoni fl-Affidavit tieghu (fol. 25) Angelo Xuereb jirrikapitula dawn il-fatti:

i. F’ kaz ta’ ftehim konsimili ghal dak milhuq ma’ Harry Cefai jinhareg *voucher* korrispondenti ghall-ammont akkordat. Jghid li kien hu stess li akkonsenta lil dan il-kreditur tieghu seta’ jassenja dan il-voucher lil terzi. Fl-istess nifs jghid ukoll li din l-assenjazzjoni hi norma tan-negozju tieghu u dan “seta’ gara wkoll fil-kaz ta’ Harry Cefai”. Aktar tard in kontro-ezami (fol. 38) jghid li ma jafx jekk f’ dan il-kaz terzi nqdewx bl-assenjazzjoni lilhom tal-kreditu. Ir-raguni moghtija hi li “ghadda hafna zmien u jien ma nkunx involut personalment”;

ii. Ikompli jistqarr illi skond il-kotba ta’ l-*accounts* tal-kumpanija ma kien jiffigura l-ebda bilanc dovut lil Cefai;

iii. Jaccetta mbaghad illi hu kien offra lil Sylvan Cefai is-somma ta’ elf u tliet mitt lira (Lm1300), mizjuda ghal elf u hames mitt lira (Lm1500) izda dwar din l-offerta ma rceva l-ebda rejazzjoni jew risposta konkreta;

Qabel kull riflessjoni li jehtiegilha ssir fuq il-provi akkwiziti ma jkunx inopportun jekk jigi ri-affermat il-principju illi fejn konvenut jikkontraponga difiza bazata fuq hlas bi kwalsiasi mod l-oneru tal-prova tal-pagament jew kompensazzjoni hu fuq id-debitur konvenut li jallegah. Hu wkoll generalment accettat illi f’ kaz ta’ dubju dan kellu jkun rizolt favur l-attur kreditur li ma kellux dan l-istess oneru (**Vol. XXXV P III p 604**). Fil-kaz in ezami l-qofol tal-meritu hu l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta illi hi ssaldat id-debitu bil-mod specifikat minnha. Teccepixxi allura l-pagament bi skambju ta’ prodott u kien allura jispetta lilha li tipprova dan b’ mod konvincenti u konklusiv. (Ara f’ dan l-istess sens Sentenza fl-ismijiet “**Joe Chetcuti *et* –vs- Joseph Pearson *et nomine***”, Appell, 5 ta’ Ottubru 1998;

Hi l-ferma konvinzjoni ta’ din il-Qorti illi s-socjeta` konvenuta ma rnexxilhiex tiddisimpenja dan il-piz mixhut fuqha u naqset li adegwatament turi l-legittimita` u l-fondatezza tal-posizzjoni difensjonali minnha assunta;

Huwa evidenti hafna fil-kaz prezenti illi l-versjoni taghha ma twassalx biex jingheleb it-test tal-verosimiljanza. Test dan invece li jiffavorixxi ferm izjed il-versjoni ta’ l-atturi fix-xhieda ta’ Sylvan Cefai u li l-Qorti ssib li hi aktar fededenja u ghalhekk takkoljiha, filwaqt li twarrab dik tas-socjeta` konvenuta;

Il-percezzjoni ta’ din il-Qorti fir-rigward tal-provi akkwiziti hi dik li l-versjoni tal-konvenut Angelo Xuereb ma ghandhiex tigi emnuta jew ghallanqas hi nkonvincenti. Din il-konkluzjoni takkwista mbaghad grad perswasiv meta jigi denotat illi l-istess stqarrija ta’ dan ix-xhud ma tikkorrispondix ghall-fatti attwali tal-kaz konkret izda hi artikolata fuq semplici supposizzjonijiet ta’ dak li “seta’ gara” izda mhux li necessarjament sehh;

Il-Qorti tara, imbaghad, mill-offerta ta’ hlas ta’ parti mis-somma dovuta ammissjoni mplicita` li l-mejjet mhux tassew nqeda bil-*voucher* u ma ghamel l-ebda assenjazzjoni taghha. Fuq kollox, li l-ammont reklamat baqa’ ma giex saldat u ghadu dovut. Huwa sintomatiku hafna illi r-risposta ghal dak li jista’ jitqies l-izjed probabbli li hu l- kaz ghandha tigi ricerkata proprju minn din l-istess offerta raffrontata ma’ l-istqarrija kategorika affermata illi fil-kotba tas-socjeta` ma jidher dovut l-ebda bilanc favur id-defunt Harry Cefai. Din l-inkonsistenza certament tissuggerixxi, anke jekk fl-istess waqt ix-xhud Angelo Xuereb irid li titwemmen l-iskuzanti illi hu ghamel l-offerta b’ turija ta’ rispett versu l-mejjet, komportament kontradittorju ghas-suppost fatt ventilat;

Fic-cirkostanzi l-Qorti wkoll ma tista’ la taccetta provi effimeri u wisq anqas provi fondati fuq supposizzjonijiet jew meri kongetturi. Il-kawzi jinqatghu mhux fuq supposizzjonijiet izda “*super allegata et probata*”. Ir-riferenzi li jingibdu mill-provi ma jistghux hlief isostnu l-versjoni ta’ l-atturi bhala l-aktar, u l-unika, wahda korretta.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja r-rigett ta' l-eccezzjoni fil-meritu tas-socjeta` konvenuta, tiddikjara li l-atturi ghandhom dritt jircievu minghand din is-socjeta` s-somma ta' elfejn u sitt mitt lira (Lm2600) minnhom reklamata, bl-interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (5 ta' Mejju 1998);

Konsegwentement tilqa' wkoll it-tieni talba billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma appena ndikata, bilanc tad-dritt ta' senserija in forza ta' skrittura datata 14 ta' Awissu 1995;

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a karigu tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------